# illum

€0.51/ 22ċ

www.illum.com.mt

03 ta' Frar 2008 • Nr 66


B'XEJN

Fil-ħarġa ta' llum: L-isponsun




# Lura fiċ-ċentru ta' l-istrateġija tal-PN



Richard Cachia Caruana

**Julia Farrugia**

**Matul l-aħħar jiem Richard Cachia Caruana l-eks Assistent Personali ta' Eddie Fenech Adami reġa' lura b'saħħa fix-xena politika b'numru ta' laqgħat ma' persuni differenti dwar l-istrateġija li se jkun qed jadotta l-Partit Nazzjonalista għall-elezzjoni ġenerali li jmiss.**

*Illum* tista' tiżvela l-ismijiet ta' numru ta' persuni li din il-ġimgħa kellhom laqgħa ma' RCC. Fost dawn kien hemm Dun Joe Borg.

Bħal bieraħ ġimgħa u nhar l-Erbgħa li għadda, fil-lukanda Westin Dragonara, Cachia Caruana kellu taħdidiet ma' numru ta' nies li kollha b'xi mod jew ieħor għandhom rwol fil-mod kif il-PN se jkun qed iwassal il-messaġġ tiegħu.

Fost il-persuni preżenti għal-laqgħat ta' nhar is-Sibt 26 ta' Jannar kien hemm Gordon Pisani, Direttur Informazzjoni tal-Partit Nazzjonalista u Karol Aquilina Viċi President tal-Moviment Żgħażagħ Partit Nazzjonalista. Dehru deħlin ukoll għal laqgħa ma' Cachia Caruana wieħed mit-tfal tal-Prim Ministru Lawrence Gonzi u Matthew Cachia Caruana li hu n-neputi ta' Cachia Caruana.


*Tkompli fuq paġna 9*




## Wara Xarabank

Il-mara ta' Angelik Caruana tħebb għal Frank Portelli *paġna 8*

# Ħaddiema u pensjonanti milquta bl-għoli tal-ħajja

**James Debono**

Stħarriġ *illum*

**Anki jekk huma inqas minn nofs il-Maltin, xorta huma l-maġġoranza dawk li jaħsbu li l-ħajja għoliet minħabba l-ewro.**

L-iktar li jinħass dan il-fenomenu hu fost il-ħaddiema u dawk li jgħixu fuq is-servizzi soċjali fejn il-maġġoranza kbira jaħsbu li d-dħul ta' l-ewro għolla l-ħajja.

Dan joħroġ minn stħarriġ ta' l-opinjoni pubblika li għamlet din il-gazzetta.

Fost il-ħaddiema bla sengħa u dawk bla xogħol (kategorija DE) huma 62 fil-mija li jaħsbu li l-ħajja għoliet minħabba l-ewro. Fost il-pensjonanti, 55 fil-mija jaħsbu li l-ewro għolla il-ħajja.


*Tkompli fuq paġna 9*


# Gonzi jixgħel id-dawl aħdar




**Kurt Sansone**

**Il-karti fid-djar dwar proġetti li għamel il-Gvern, l-ittri javżaw li ċ-children's allowance se tidħol fil-kont tal-bank, it-tqassim ta' l-internet bi prezz sussidjat, il-billboards tal-PN u l-laqgħat ta' Lawrence Gonzi mal-għaqdiet u l-korpi kostitwiti qajla jħallu dubju li l-elezzjoni tinsab wara l-bieb.**

Fil-pajjiż hawn stennija għal dak li se jagħmel il-Prim Ministru għada. Minkejja li għad m'hemm l-ebda konferma uffiċjali li l-elezzjoni se ssir fit-8 ta' Marzu, hu mistenni li Gonzi għada se jmur għand il-President jitolbu biex ixolji l-Parlament. L-eqreb ġurnata li fiha tista' ssir l-elezzjoni hi s-Sibt 8 ta' Marzu sakemm Gonzi ma jiksirx it-tradizzjoni ta' dawn l-aħħar żminijiet u jiddeċiedi li jmur għal kampanja elettorali itwal li teħodna sa April jew Mejju.


*Ara paġna 6*





TRATTORIA De Buono

Experience Mediterranean Cuisine at our exclusive seaside venue. Choose from our fresh seafood, succulent meat and mouthwatering pasta dishes prepared for you by our Italian trained chefs.

TUNNY NET COMPLEX

Tunny Net Complex - Marfa Road, Mellieha Bay
Reservations: 2152 3254

FREE PARKING AT THE HOTEL RIU SEABANK



NEWSPAPER POST